**5 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Emanuel Morguello f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom u in rappresentanza ta' *Maba Ltd.*

*versus*

Iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Mezzi Xierqa ta' Rimedju – Awtorità ta' l-Ippjanar – Deċiżjoni ta'**

*Ir-rikorrent kien ġie ordnat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar iwaqqa' bini li tella' llegalment. Dan l-ordni kien ġie kkonfermat mill-Bord ta' l-Appell ta' l-Awtorità. Ir-rikorrent allega li kien hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*

*ċaħditlu t-talba billi kellu rimedji oħrajn desponibbli għalih. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat, imma ddikjarat li dwar il-mertu tal-vjolazzjoni dan ma kinitx qiegħda tidħol fih.*

*Ir-rikorrent kien naqas li juża l-mezzi disponibbli għalih biex jattakka d-deċiżjoni ta' l-Awtorità u għalhekk ma kienx hemm lok li tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni tal-Qorti fuq il-bażi tal-ksur tad-drittijiet fundamentali.*

Il-Qorti: –

1. Il-fatti li taw lok għar-rikors li Emanuel Morguello *proprio et nomine* ppreżenta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jistgħu jiġu rrakkontati fil-qosor b'dan il-mod:

(a) Ir-rikorrenti bena xi strutturi ta' natura permanenti fit-Triq Żurrieq tal-Ġebel, f'Birżebbuġa. Dawn l-istrutturi nbnew għal skop industrijali iżda ma kinux koperti bil-permess li l-liġi teħtieġ biex dik il-kostruzzjoni tkun tista' ssir;

(b) Fil-**11 ta' Mejju, 1993** l-Awtorità intimata nnotifikat lir-rikorrent b'avviż li jeħtieġ li jwaqqa' fi żmien sittax-il ġurnata, dawk il-kostruzzjonijiet li kienu saru minnu mingħajr il-permess meħtieġ mil-liġi – u dan *in forza* tas-subartikolu 3 ta' l-artikolu 52 ta' l-Att I ta' l-1992;

(ċ) Fit-**22 ta' Frar, 1993** il-Qorti tal-Maġistrati sabet ir-rikorrenti personalment ħati li bena mingħajr il-permess meħtieġ mil-liġi u kkundannatu għall-piena ta' multa ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) u ordnatlu biex fi żmien tliet xhur iwaqqa' l-kostruzzjoni abbużiva jew jottempera ruħu mal-liġi, u fin-nuqqas, għall-multa ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) kuljum – artikoli 16 u 17 Kap. 10. Ir-rikorrent m'appellax din id-deċiżjoni;

(d) Ir-rikorrent kien, sadanittant, appella kontra l-avviż ta' l-Awtorità tal-11 ta' Mejju, 1993 (sub-paragrafu (b) *supra)* quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, li ċaħadlu l-istess appell b'deċiżjoni tat-**3 ta' Diċembru, 1993** – artikoli 14 u 15 ta' l-Att I/1992 – u għalhekk huwa ġie ordnat biex jiddemolixxi l-bini sat-**12 ta' Jannar, 1994**. F'din l-aħħar data ħaddiema ta' l-Awtorità, assistiti mill-Pulizija, bdew iwaqqgħu l-kostruzzjoni in kwistjoni;

Dawn il-fatti, kellhom, skond ir-rikors, jiġu kkorroborati bid-dokumenti rilevanti iżda ma jirriżultax li dan sar ma' l-istess rikors. Id-dokumenti ġew esebiti mal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 126/94 fl-istess ismijiet. L-atti ta' dan il-Mandat ġew issa allegati mar-rikors, billi, naturalment bi żvista, id-digriet opportun ma sarx fl-ewwel istanza;

2. Ir-rikors isemmi wkoll illi d-demolizjoni bdiet;

"…..minkejja li l-intimat *Chairman* Awtorità ta' l-Ippjanar ġie mitlub jiddikjara jekk l-imsemmi twaqqigħ hux qiegħed fil-fatt isir *ai termini* ta' l-artikolu 52(3) ta' l-Att suddett jew *in forza* tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) suddetta u r-risposta dejjem kienet li ma jistax jgħid";

3. Ir-rikorrent imbagħad jgħaddi biex jesponi illi:

(a) Il-bini kien sar qabel is-**17 ta' Jannar, 1992** meta daħal *in vigore* l-Att I ta' l-1992 u għalhekk l-Awtorità ma kellhiex poteri x'teżerċita fir-rigward, kif jgħid l-artikolu 52(3) ta' l-istess Att;

(b) L-istess Awtorità ma setgħetx tieħu l-passi li ħadet wara

li r-rikorrenti kien ġie kkundannat mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex dan kien ifisser li huwa kien:

".....qiegħed jiġi assoġġettat li jgħaddi proċeduri għall-istess reat darbtejn", kontra dak li jgħid l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni;

(ċ) u jkompli:

".....*inoltre*, meta ċ-*Chairman* ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar jeżerċita l-poteri lilu mogħtija taħt l-Att I ta' l-1992 *ai termini* ta' l-artikolu 55(1) l-istess Awtorità allura tkun qiegħda effettivament tużurpa l-atti tal-Qorti vera u proprja u dan bi ksur ta' l-artikolu 39(1)(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja";

4. A bazi ta' dawn l-esposizzjonijiet, ir-rikorrent talab lill-imsemmija Onorabbli Qorti biex tiddikjara li l-intimati ksiru d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli msemmija tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u talabha għalhekk biex tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li tqis li huma xierqa sabiex "twettaq jew tiżgura li twettaq id-drittijiet fundamentali tiegħu";

5. (a) L-intimata Awtorità preliminarjament opponiet illi r-rikorrenti ma eżerċitax l-azzjonijiet kollha lilu spettanti skond il-liġi qabel ma ntavola dan ir-rikors kostituzzjonali" u għalhekk talbet lill-Qorti biex tapplika d-disposizzjoni ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

(b) L-oġġezzjonijiet l-oħra, m'hemmx għalfejn li jiġu rriportati għar-raġunijiet li jissemmew aktar 'l isfel;

6. Fil-5 ta' Ottubru, 1994, l-ewwel Onorabbli Qorti ppronunzjat is-sentenza fil-kawża u kkonkludiet hekk:

"*In vista* tal-premess il-Qorti, filwaqt li tiċħad is-sottomissjonijiet tar-rikorrent u t-talbiet tiegħu billi tiddikjara li ma jeżisti ebda ksur ta' l-artikoli tal-Kostituzzjoni fuq iċċitati, u filwaqt li tiddikjara li hija sodisfatt li r-rikorrent kellu u għandu mezzi xierqa ta' rimedju kontra l-ilment tiegħu li l-ħruġ ta' l-"avviż għat-twettiq" kien null, fl-ewwel każ billi seta' jappella lill-Qorti ta' l-Appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell, u fit-tieni każ billi jirrikorri lill-Qrati ordinarji, bl-applikazzjoni tal-*proviso* għall-artikolu 46 sub-inċiż (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond l-istess artikolu u għalhekk tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent";

7. Ir-rikorrent appella għaliex (a) huwa ma kellux rimedju ieħor ħlief li jirrikorri – kif għamel bil-preżenti proċedura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu; (b) l-Awtorità, kif ikkostitwita u l-poteri minnha eżerċitati jmorru kontra l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ġà msemmija; (ċ) finalment is-sentenza appellata "kkrejat ekwivoku legali" billi filwaqt li ddikjarat li d-drittijiet fundamentali ta' l-appellant ma ġewx miksura "fl-istess ħin bħal donnha ddeklinat milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet, peress li huwa kellu rimedji oħra "però allura messha ma ħaditx konjizzjoni tat-talbiet tiegħu;

L-appellant għalhekk talab lil din il-Qorti biex "tħassar u tannulla" s-sentenza, billi "tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti fir-rikors promotorju";

8. Il-*proviso* li hemm f'dan it-tieni sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huwa jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra";

9. L-ewwel element li jrid jiġi stabbilit biex il-Qorti tibda biex tikkunsidra l-possibbilità li tirrifjuta l-intervent tagħha, huwa preċiżament dan illi hemm fil-liġijiet ordinarji mezzi adegwati li jistgħu jipprovdu rimedju għar-rikorrent – jekk ikollu raġun fuq dak li jkun qed jillamenta;

10. Dawn il-lamenti, li skond ir-rikors, se jiġu rripetuti f'forma konċiża kienu:

(a) Illi l-Awtorità eżerċitat il-poter tagħha fir-rigward ta' kostruzzjoni li kienet saret **qabel** ma nħolqot l-istess Awtorità u għalhekk dak l-eżerċizzju jikser l-istess Att I ta' l-1992;

Għal dan il-lament, li huwa bbażat fuq l-istess liġi Att I/1992, ma jistax jiġi ddubitat illi l-artikolu 52(6) jipprovdi mezz xieraq ta' rimedju, għaliex jgħid:

"Kull persuna li tħossha aggravata b'avviż għat-twettiq innotifikat lilha, tista' fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' l-avviż, tappella kontra tiegħu lill-Bord ta' l-Appell, dwar kull appell bħal dak il-Bord:

(a) .....li ma kien meħtieġ ebda permess għalih.....għandu

jħassar l-avviż'';

Billi l-lament tar-rikorrent jirrigwarda punt ta' liġi, l-istess Att I/1992, jipprovdi mezz ulterjuri ta' rimedju, għaliex fl-artikolu 15(2) hemm maħsub illi:

''Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali ħlief dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell'';

Ir-rikorrent appella kontra l-avviż quddiem il-Bord ta' l-Appell, iżda meta tilef dak l-appell ma kompliex bil-proċedura ulterjuri ta' appell quddiem din il-Qorti ta' l-Appell, proċedura li seta' faċilment jittanta għaliex dan l-ewwel lament tiegħu, **jirrigwarda punt ta' liġi**;

Dan in-nuqqas tar-rikorrenti ġie debitament innotat fis-sentenza appellata;

(b) It-tieni lament huwa illi:

''.....iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar għamel użu ħażin u abbużiv mid-diskrezzjoni lilu mogħtija taħt dak l-Att'';

Huwa biżżejjed magħruf illi skond l-Ordinament ġuridiku tagħna, kwalsiasi eżerċizzju ta' diskrezzjoni ''amministrattiva'' li ma tkunx tali, imma tkun ''ħażina u abbużiva'' kif qed jillamenta r-rikorrenti hija soġġetta għall-eżami, kontroll u reviżjoni tal-qrati ordinarji. L-aktar sentenza riċenti f'dan is-sens, u li għaliha tista' ssir id-debita riferenza, hija dik ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Novembru, 1994, fl-ismijiet Frank Pace *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et;*

Għalhekk anki fuq dan il-lament, ir-rikorrent kellu mezzi ordinarji xierqa li ma użax;

11. Hemm imbagħad aspett affini għal dawn li semmew li jipponta fl-istess direzzjoni, imma huwa f'ċertu sens, aktar inċiżiv;

Fit-22 ta' Ġunju, 1993, ir-rikorrenti, wara taħrika tal-Pulizija, deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ġie misjub ħati li kkostruwixxa "ħitan u uffiċini" illegalment, u kkundannat għal multa, u;

".....biex fi żmien tliet xhur jew iwaqqa' l-imsemmija kostruzzjoni jew jottempera ruħu mal-liġi, taħt penali ta' multa ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) kuljum fin-nuqqas....." (dokument B);

Kontra din is-sentenza jidher – (**mhux direttament, imma indirettament** billi hekk hemm imsemmi fid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar – dokument Ċ – li jidher li ngħatat fit-3 ta' Diċembru, 1993, "jidher" għaliex din id-data hija mniżżla biss bil-lapis fuq l-istess dokument iffirmat mit-tliet membri ta' l-istess Bord, u dan ġie aċċettat mill-partijiet) li r-rikorrent appella quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali, imma, imbagħad irrinunzja għal dan il-mezz wara li beda biex jużah;

12. Jiġi osservat u sottolineat illi l-Bord ta' l-Appell imsemmi, għalkemm l-appell tar-rikorrent kien ġie ppreżentat fil-**21 ta' Mejju 1993,** ma ppreċipta b'ebda mod l-operat tiegħu u stenna d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tat-**22 ta' Ġunju, 1993** imma wkoll ir-rinunzja ta' l-appell minn din id-deċiżjoni – li allura, sadanittant assumiet il-kwalità ta' ġudikat finali,

u l-konferma ta' l-ordini għad-demolizzjoni ta' l-Awtorità, b'riġett ta' l-appell, il-Bord ippronunzjha fit-**3 ta' Diċembru, 1993**;

Id-dati huma kollha importanti u rilevanti għaliex jindikaw l-ispazji temporali li r-rikokrrent kellu biex jista' jagħmel użu mid-drittijiet li raġonevolment, il-liġijiet ordinarji jagħtuh, biex, jekk għandu raġun, dak ir-raġun jingħatalu;

13. Din l-aħħar data tat-**3 ta' Diċembru, 1993** – anki wara dak kollu li kien, sa dakinhar issuċċieda – xorta waħda ma kinitx definittiva u finali għar-rikorrent, għaliex, kif intqal, wara dik id-data huwa seta', jesponi **l-aggravji tiegħu kollha**, quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell skond l-artikolu 15(2) ta' l-Att I ta' l-1992. Qed jingħad "**kollha**" għaliex anki l-lament tar-rikorrent ta' *"non bis in idem"* kien jista' jiġi faċilment ventilat quddiem dik l-aħħar Qorti billi kronoloġikament, skond l-**allegat**, il-vjolazzjoni ta' dak il-prinċipju kien ġie kommess proprju mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar **fit-3 ta' Diċembru, 1993**, meta definittivament ġie kollox ikkonsiderat – avviż ta' demolizzjoni, kundanna għad-demolizzjoni, bl-alternattiva sospensiva, fil-każ u jekk jingħata permess, u r-rinunzja għall-appell kriminali – u ngħatat id-deċiżjoni finali li kkristallizzat il-preġudizzju prinċipali tar-rikorrent – ċjoè dak li jwaqqa' kull ma bena. U dak il-pass quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ir-rikorrent m'għamlux u għalhekk, bin-nuqqas tiegħu stess huwa rrinunzja għall-mezzi finali u importanti offerti mil-liġi ordinarja – biex kif jgħidu fil-ġurisprudenza taljana, u billi r-rikorrent huwa taljan il-Qorti se tuża l-espressjoni hemmhekk magħrufa – *"il ricorrente non avendo adoperato i mezzi idonei per far valere le sue ragioni"* – din il-Qorti ma tistax ma taqbilx illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha

raġun li tqis li kien prudenti li tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha fil-kwistjoni billi r-rikorrenti kien naqas li jadopera dawk il-mezzi xierqa għal rimedju tal-lanjanzi tiegħu li l-liġijiet ordinarji tal-pajjiż kienu poġġew għad-disposizzjoni tiegħu – kif saġġjament jiddisponi l-*proviso* ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li japplika wkoll għal-lamenti li jsiru minħabba vjolazzjonijiet allegati tal-Konvenzjoni Ewropeja – kif jgħid l-artikolu 4(7) ta' l-Att XIV ta' l-1987 – Kap. 319;

14. Fejn l-appellant għandu raġun huwa l-lament tiegħu rigward dak li huwa jsejjaħ impropjrament, "ekwivoku legali kkreat" fil-parti deċiżiva tas-sentenza. Huwa minnu illi ġaladarba l-ewwel Qorti kienet waslet għall-konklużjoni illi kien desiderabbli li tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni speċjali tagħha, ma huwiex loġikament u ġuridikament konformi li fl-istess kontest teżerċita l-istess ġurisdizzjoni u teżamina l-mertu tar-rikors u l-lanjanzi u t-talbiet tar-rikorrent, u tikkonkludi billi:

".....tiddikjara li ma jeżisti ebda ksur ta' l-artikolu tal-Kostituzzjoni.....";

15. Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma l-ewwel konklużjoni tas-sentenza appellata, billi kjarament ir-rikorrent naqas milli juża mezzi xierqa ta' rimedju li kellu għad-disposizzjoni tiegħu skond il-liġijiet l-oħra barra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u konsegwentement kien u huwa desiderabbli li tiġi lilu rrifjutata l-ġurisdizzjoni speċjali kkonferita mill-Kostituzzjoni, u issa anki mill-Kap. 319 – u tirrevokaha safejn ġie ddikjarat li ma rrikorriet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali elenkati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, għar-raġuni illi dak il-mertu, dikjaratament, ma kienx desiderabbli li jiġi investit, u din il-Qorti trid tissottolinea

illi ebda pronunzjament ma huwa qed isir fuq l-allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali lamentati mir-rikorrent;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad kif deċiż dawk ta' dan l-appell mingħajr taxxa bejn il-partijiet.